# <u>INNU TAL-ISKOLA</u>

(Miktub fl-1988)

Minn kull rokna tal-gżira Għawdxija
Aħna ċ-ċkejkna ninġabru flimkien,
F'din l-iskola ta' Santa Tereża
Biex għal-ħajja npoġġu s-sisien.
Hawn nitolbu, nitgħallmu, nilagħbu
U l-għalliema jagħtuna l-ħarsien.

**<u>Rit.</u>** Aħna bħal ġilju jfewwaħ,
l-iskola tagħna ġnien,
Il-fwieħa ta' qlub safja
Inxerrdu kullimkien.
Ilqa Mulej għanjietna
Il-għanja taċ-ċkejknin.
U għamel li minn qalbna
Ma jtemmuhiex is-snin.

F'din l-iskola ta' Santa Tereża
Qegħdin ngħaddu tal-ħajja l-ftuħ,
Biex go fina nrawmu karattru
Fit-tagħlim, bil-għerf t'Alla jfuħ.
Dat-teżor li jagħtuna l-għalliema
Tul ħajjitna ġo qalbna nġorruh

**<u>Rit.</u>** Aħna bħal ġilju jfewwaħ,
l-iskola tagħna ġnien,
Il-fwieħa ta' qlub safja
Inxerrdu kullimkien.
Ilqa Mulej għanjietna
Il-għanja taċ-ċkejknin.
U għamel li minn qalbna
Ma jtemmuhiex is-snin.

Versi: Paul Gauci
Muzika: Joe Tabone